# ROBERT MIFSUD BONNICI JAGĦLAQ 80 SENA

## SERATA F'ĠIEHU MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA') FIL-11 TA' APRIL 1964



R. Mifsud Bonnici

Ftit huma dawk li ma jafux lil Robert Mifsud Bonnici, sew mill-kitba letterarja tiegħu u aktar minn dik polemika li tidher ta' sikwit fil-gazzetti kollha. Robbie ilu jikteb żmien u stampa kotba reliġjużi, xogħlijiet bijografiċi, u xi drammi. L-għan tal-kitba tiegħu kien li jgħallem lil min hu anqas xortih tajba minnu, għax ma kellux ix-xorti li jmur skejjel sekondarji biex idawwal moħħu.

Imma l-akbar xogħol ta' Robbie hu dak id-dizzjunarju Bibljo-Bijografiku li daħal għalih meta kellu xi 75 sena, meta nies oħra ta' fibra anqas minn tiegħu kienu jistrieħu bi kwiethom wara l-ħidmiet ta' dawk is-snin kollha. Imma Robert mhux hekk. Ma jemminx bil-mistrieħ, u issa li għandu 80 sena, wara li temm id-dizzjunarju, għamel indiċi tal-manuskritti kollha li hemm fit-taqsima tal-Librerija.

U jekk forsi mhux kulħadd jaqbel dwar il-post li jixraqlu Robbie fil-kitba ta' Lsienna, kulħadd jaqbel li għall-bżulija (flimkien ma' Ninu Cremona) hu minn ta' quddiem. U għal din ir-raġuni l-Għaqda tal-Malti (Università) riedet turih, f'isem il-ħbieb tal-Malti, l-apprezzament għall-ħerqa u ħeġġa li biha dejjem ħaddem il-pinna tiegħu.

Dawn is-Serati li saru minn din il-Għaqda huma ta' inkoraġġiment lill-Kittieba tal-Malti, li kull tant ma jsibux tul ħajjithom ħlief tmaqdir, bruda, u jekk mhux ukoll stmerrija minn xi Maltin li għadhom kollha ħrara għal kull ħaġa barranija u ħars ikrah għall-affarijiet tagħna.

Tassew li konna nistennew aktar nies għas-Serata f'ġieh Robert Mifsud Bonnici; għallanqas sħabu l-kittieba messhom kienu aktar numerużi, għall-programm li kien qasir u mżewwaq.



Il-Professur Ġ. Aquilina wera l-mertu ta' Robert Mifsud Bonnici, bħala kittieb didattiku u għalhekk hu l-għaqda bejn il-kittieba tas-seklu l-ieħor, Preca, is-Sur Fons u l-ġenerazzjoni tal-lum. Ġ. Cassar Pullicino qal li għalkemm saru xi tentattivi biex jindammu l-ħidmiet ta' Maltin ħajjin u mejtin, ħadd ma ġabar l-għadd u t-tagħrif li Robert Mifsud Bonnici ta fid-Dizzjunarju tiegħu.

Biex is-serata tkun tabilħaqq Maltija tkantaw melodiji tas-surmast J. Abela Scolaro, F.L.C.M., fuq il-versi ta' Dun Karm, R. Briffa u Prof. A. Cuschieri minn Hilda Mallia Tabone u Lino Gatt waqt li l-pjanista Josephine Grech Mercieca daqqet biċċiet ta' Chopin, Listz, u Schubert.

L-istudenti qraw siltiet drammatizzati minn xi xogħlijiet ta' Robert Mifsud Bonnici, u fl-aħħar l-*isketch* "Ma riedx jiżżewweġ" waqt li l-egħluq sar mill-E.T. Reverendissima Mons. Arċisqof li faħħar lil R. Mifsud Bonnici u sejjaħlu iben fidil tal-Knisja u kittieb appostoliku.

Nittamaw li għall-quddiem l-istudenti fuq l-eżempju tas-Sur Ġużè Cardona jissuktaw jagħtuna aktar serati bħal dawn f'ġieh kittieba, ukoll meta s-Sur Cardona jispiċċa mill-kors, biex b'hekk ma tmutx din il-ħidma mibdija minn Wallace Gulia u Guido Saliba fl-1947 u li s-Sur Cardona żamm ħajja bejn l-1960 u l-1964.

Ad Multos Annos lil Robert Mifsud Bonnici f'isem l-Akkademja tal-Malti, u prosit lill-Istudenti kollha li ħadu sehem f'din is-serata.

KRONOS.

---

## QTIGĦ IL-QALB

Ta' PAUL THEUMA

U meta fl-imgħoddi int tħares u tilmaħ
Xi rdum għaddejt minnu u kemm għad trid tbati,
U iswed iberraq iż-żmien li għad jiġi,
La taqtax qalbek.

U meta mmaqdar minn għajrek u ħbiebek,
U ngieges jinżlulek il-kliem tal-għedewwa,
U xefaq imkien ta' hena ma jfiġġlek,
Tħabbeb mas-Sewwa.